MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 322/2012

**Wara l-atti tal-Mandat ta’ Qbid Numru 1321/12 MG**

**United Equipment (UNEC) Company Limited C 10827**

**Vs**

**F.G.S. Construction Limited C 17794, Jesmond Falzon ghal kull interess li jsitgha jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta’ Joseph Borg pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Settembru 2012 fejn ippremetta s-segwenti:

*“Illi fuq rikors ta’ United Equipment Company Limited intavolat fl-4 ta’ Mejju 2012 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghal hrug ta’ Mandat ta’ Qbid fuq fost affarijiet ohra, l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABU 819 kif deskritt fl-istess Mandat Dok JB1, effettivament l-istess vettura ma*

*gietx maqbuda fizikament izda saret notifika lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li irristringiet it-trasferiment ta' l-istess.*

*Illi l-esponent kien sid l-istess vettura li nbieghet lill-intimat Jesmond Falzon skond log book hawn anness Dok JB2, izda liema vettura kienet giet trasferita b'mod kondizzjonat u cioe' taht sistema ta' hire and purchase taht ir-regulation 25.*

*Illi pendenti fuq din il-vettura ghad-fadal bilanc ta' tnejn u ghoxrin elf, mija u disgha w ghoxrin Ewro (€22,129) li l-intimat Falzon ghandu jhallas lill-esponent.*

*Illi bil-hrug ta' mandat gie restrit it-trasferiment ta' din il-vettura appartenti lill-esponent u ghalhekk qed jigi ippresentat dan ir-rikors."*

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponent talab sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' l-opportun kontro-mandat relattiv u limitatament ghall-vettura bin-numru ta' reistrazzjoni ABU 819 stante li l-istess ma tiffurmax parti mill-assi tas-socjeta' intimata u lanqas tal-intimat.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata United Equipment Company (UNEC) Ltd ipprezentata nhar id-9 ta' Ottubru 2012 fejn eccepiet:

*"1. Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici fil-konfront ta' F.G.S. Construction Limited u dana proprju minhabba xoghol li wettqet is-socjeta' esponenti fuq il-vettura mertu ta' dan ir-rikors fuq inkarigu ta' F.G.S. Construction Limited, u senjatament il-vettura bin-numru ABU819;*

*2. Illi t-talba ghall-hlas tas-socjeta' esponenti tinsab dedotta fi procedura tat-Tribunal dwar it-Talbiet Zghar bit-Talba Numru 340/2012 fl-ismijiet 'United Equipment Co (UNEC) Limited v. F.G.S. Construction Limited, quddiem il-gudikant Dr. Vincent Galea;*

*3. Illi rigward it-talba kontenuta fir-rikors ta' Joseph Borg tal-25 ta' Settembru 2012, fl-ewwel lok jigi eccepit in-nuqqas ta' locus standi ta' l-istess rikorrent in kwantu sal-lum il-gurnata Joseph Borg ma gab l-ebda prova li huwa sid il-vettura (ara fuq dan il-punt inter alia is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Regina Auto Dealer Limited v. Miller Distributors Limited et****, deciza 30 ta' Mejju 2002 (Cit Nru 1989/00/RCP);*

*4. Illi Jesmond Falzon, intimat f'din il-procedura, huwa d-direttur uniku ta' F.G.S. Construction Limited, is-socjeta' debitrici tal-esponenti u l-fatt li l-vettura hija registrata f'isem Jesmond Falzon hija semmai prova a favur tas-socjeta' esponenti illi F.G.S. Construction Limited hija s-sid tal-vettura in kwistjoni;*

*5. Illi l-uniku interess tas-Sur Joseph Borg hekk kif jidher mil-log book innifsu huwa li jdawwar il-vettura fuqu bhala "s-sid il-gdid". Illi naturalment dan it-trasferiment gie ibblukkat mill-Awtorita' tat-Transport Malta minhabba li dan it-tentattiv sar wara li gie intavolat il-mandat opportun;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex takkolji t-talba kontenuta fir-rikors ta' Joseph Borg tal-25 ta' Settembru 2012."*

**Joseph Borg** xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li huwa kien is-sid tal-vettura, truck ABU 819, u qal hu effettivament kien biegh din il-vettura lil Jesmond Falzon. Tenna li huwa beghhielhu f'Jannar 2011, pero' zied li illum il-gurnata mhux qieghda fuqu. Sostna li nonostante li sar l-imsemmi transfer, il-licenzja kien hallasha hu, pero' Jesmond Falzon ma tah l-ebda flus minkejja li kien intrabat li jhallas is-somma ta' disghat elef w hames mitt Liri Maltin (Lm9,500) oltre il-licenzji li hallas hu.

Rat illi l-intimati FGS Construction Ltd u Jesmond Falzon ghalkemm huma notifikati bir-rikors tar-rikorrenti Joseph Borg (fol. 10 tergo tal-process), baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Joseph Borg kif prezentat fl-atti nhar it-22 ta’ Ottubru 2012.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta’ dritt ta’ min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m’huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat; Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma’ eżami x’aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b’mod abbużiv. (vide Kumm GMA23.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet ‘**Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et’** (mhix pubblikata).

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta minn qari tal-Mandat kawtelatorju ta’ Qbid numru 1321/12 MG fl-ismijiet ‘**United Equipment Company (UNEC) Limited (C 10827) vs F.G.S Construction Limited (C17794)’**ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-4 ta’ Mejju 2012, li s-socjeta’ United Equipment Company Limited hija kreditrici tas-socjeta’ FGS Construction Limited f’ammont ta’ tlett elef, mitejn u tmintax-il Ewro u tnejn u tmenin Ewro centezmi (€3,218.82) rapprezentanti din is-somma prezz ta’ xoghlijiet esegwiti minnha fuq trakk bin-numru ta’ registrazzjoni ABU 819 liema pretensjoni tinsab dedotta fl-Avviz ipprezentat kontestwalment fit-Tribunal Ghat Talbiet iz-Zghar.

Illi allegatament dan il-mandat gie esegwit fuq il-vettura ABU 819 u jinghad allegatament ghaliex fl-atti ma jirrizultax li din il-vettura giet hekk maqbuda.

Illi ma hemmx dubju li s-socjeta' United Equipment Company (UNEC) Limited ghandha interess li jigu maqbuda vetturi proprjeta' tas-socjeta' FGS Construction Limited u dan peress illi hija din is-socjeta' li allegatament hija il-kreditrici tas-socjeta' F.G.S Construction Limited.

Ir-rikorrenti Joseph Borg qed jitlob lil din il-Qori sabiex tordna il-hrug ta' kontro-mandat ghaliex isostni li l-vettura in kwistjoni u cioe' il-vettura kummercjali bin-numru ta' registrazzjoni ABU 819 tappartjeni lilu ghaliex huwa kien biegh din il-vettura bil-kundizzjoni li ma jsirx it-transfer relattiv taghha taht ir-regulation 25 u cioe' soggett li l-ewwel jithallas stante li l-bejgh kien sar *on higher purchase terms.*

Il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-kopja tal-log book esebit u minn ezami akkurat tieghu jidher li r-registered owner ta' din il-vettura kummercjali huwa l-intimat Jesmond Falzon de proprio residenti fil-fond 'Sweet Breeze', Triq Bir il-Ljun, Rabat u mhux is-socjeta' F.G.S. Construction Limited u addirittura lanqas  ir-rikorrenti Joseph Borg.

Illi ghalhekk din il-vettura kummerjcali **QATT** ma messet inqbadet bil-mandat fuq imsemmi numru 1321/12 ghaliex il-vettura ma tappartjenix lill-intimat f'dak il-mandat u cioe' lis-socjeta' F.G.S. Construction Limited.

Jinghad pero' li ir-rikorrenti talab ir-revoka ta' dan il-mandat fuq premessa li din il-vettura tappartjeni lilu u ma tappartjenix lill-intimati s-socjeta F.G.S Construction Limited u Joseph Borg.

Illi, bir-rispett kollu pero' ir-rikorrenti ma rnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li huwa sid il-vettura u ghalhekk ir-rikorrenti odjern ma setghax jaghmel talba bhal din ghaliex semmai, kien jispetta lill-intimat Joseph Borg jaghmel tali talba. Ir-rikorrenti setgha jaghmel talba ghar-revoka tal-mandat una volta setgha jipprova ghas-sodisazzjon tal-Qorti li l-vettura tappartjeni lilu – li mill-provi prodotti zgur li ma tirrizultax provata.

Illi ghalkemm il-vettura ma tappartjenix lis-socjeta' F.G.S. Construction Limited u cioe' lis-socjeta allegatament debitrici tas-socjeta' United Equipment Company (UNEC) Limited, la din il-Qorti m'ghandhiex talba minn Jesmond Falzon f'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tordna l-ebda revoka tal-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi.

Fir-risposta taghha, s-socjeta United Equipment Company Limited tammetti li l-vettura tghajjat lil Jesmond Falzon, izda tghid pero' fir-raba' eccezzjoni taghha li stante li huwa l-uniku Direttur tas-socjeta socjeta' F.G.S Construction Limited, allura jsegwi li l-vettura maqbuda tappartjeni lis-socjeta' F.G.S. Construction Limited. Bir-rispett kollu pero' dan l-argument ma jsegwix peress li kull socjeta' limitata ghandha rapprezentanza guridika separata u distinta mid-diretturi taghha. Illi jekk il-vettura tghajjat lil Jesmond Falzon de proprio, d-Direttur tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta ma kellu l-ebda dritt izomm kwalsiasi transfer li setgha gie affettwat fuqha.

Illi dwar dak li gie verbalizzat minn Dr John Gauci fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012  u cioe' li l-proceduri huma nulli ghaliex skond l-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 ir-rikors odjern kellu jigi deciz f'seduta wahda jew in camera, jinghad li r-rikors de quo kien gie differit ghal data ohra fuq talba tal-partijiet  kif miftehma minnhom fl-10 ta' Ottubru 2012, u ma jistax l-ewwel jakkorda u jiftiehem fuq differiment u wara  jghid li l-Qorti messha iddegretat  ir-rikors f'seduta wahda u ghalhekk kif tajjeb osservat l-avukat difensur tar-rikorrenti, dak verbalizat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 ma jaghmilx fis-sens fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tichad it-talba rikorrenti u dan ghaliex huwa minnu li rikorrenti m'ghandux locus iudicio f'dan ir-rikors peress illi jirrizulta li l-vettura ABU 819 ma tappartjenix lilu izda lil Jesmond Falzon.**

**L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti odjern.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------